MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Numru 1134/2010

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Francis Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 141165M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer u cioè f’San Pawl il-Bahar fil-5 ta’ Settembru 2010 f’xi hin bejn is-sitta ta’ fil-ghodu u s-siegha ta’ wara nofs inhar ikkommetta serq ta’ fuel liema serq huwa ta’ valur aktar minn 23 Ewro u anqas minn 233 Ewros ghad-detriment ta’ Joseph Vella liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Francis Bezzina bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni titratta serq ta' diesel li l-valur tieghu jinsab stabbilit f'150 Ewro. Madanakollu l-imputat ghandu gia' precedenti ta' serq kif turi l-fedina penali inserita fl-atti.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontih dedotti. Rat l-Artikolu 261(g), 281, 49 u 50 tal-Kap 9. Tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tordna li jirrifondi €150 lil Joseph Vella liema ammont ghandu jigi kkonsenjat lill-Ispettur entro 6 xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------